# Il-frieħ tal-għasafar tal-baħar għandhom bżonn l-għajnuna tiegħek!

**BirdLife Malta titlob l-assistenza tal-pubbliku biex jiġu salvati frieħ tal-Garnija li jinqabdu fuq l-art minħabba t-tniġġis mid-dawl**

Il-Garnija hija għasfur tal-baħar endemiku għall-Mediterran u meqjus bħala speċi taħt theddida. Il-frieħ ta' dan l-għasfur iħallu l-bejtiet tagħhom biex itiru lejn il-baħar matul il-lejl, minn nofs Ġunju 'l quddiem u matul Lulju. Madanakollu dan l-ewwel vjaġġ tagħhom jista' jkun wieħed perikoluż. It-tniġġis mid-dawl tal-ibliet u l-villaġġi tagħna jiddiżorjenta lil ħafna minn dawn il-frieħ li jispiċċaw maqbudin fuq l-art. Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta qed jappella lill-pubbliku biex jgħin ħalli jiġu salvati dawn l-għasafar żgħar li jsibu diffikultà mal-ewwel titjira tagħhom. Mingħajr l-għajnuna tal-pubbliku, ma jistgħu qatt jerġgħu jsibu triqithom lura lejn il-baħar.

Wara li l-frieħ tal-Garni jfaqqsu, il-ġenituri jieħdu ħsiebhom għal xejn inqas minn xahrejn fil-bejta li normalment tkun f'postijiet mudlama taħt l-art fl-irdumijiet tal-Gżejjer Maltin. F'sena kull par ikollu biss ferħ wieħed, li jirrifletti l-ħin u l-attenzjoni qawwija li din l-ispeċi tinvesti fiż-żgħar tagħha. Meta jaslu Ġunju jew Lulju, hekk kif il-ferħ ikun b'saħħtu biżżejjed, jasal il-mument meta lejl minnhom iħalli l-bejta fiz-zona remota fejn tkun tinstab biex itir għal fuq il-baħar. Din l-ewwel titjira jagħmilha fid-dalma tal-lejl.

B'xorti ħażina jkun hemm każi meta din it-titjira tispiċċa ħażin. Xi wħud mill-frieħ jiġu attirati lejn id-dwal artifiċjali tal-kosta. Minflok itiru għal fuq il-baħar itiru lejn dawn id-dwal bil-konsegwenza li jew jegħjew, inkella jaħbtu ma' dak li jsibu quddiemhom. Jekk jispiċċaw fuq l-art, jiġu f'riskju li jinqatlu mill-qtates jew il-klieb, inkella li jintlaqtu minn karozzi jew ibatu l-ġuħ u t-telf tal-ilma mill-ġisem. Mingħajr l-għajnuna tiegħek, jekk jispiċċaw maqbudin fuq l-art, dawn il-frieħ ma jkunux kapaċi jsibu triqithom lura lejn il-baħar waħidhom u jispiċċaw imutu.

The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.

Huwa għal dan il-għan li matul Ġunju u Lulju, BirdLife Malta qed tappella biex kull min jinzerta f'xi post mal-kosta u jsib wieħed minn dawn il-frieħ tal-Garnija jassisti biex jiġi salvat. Jekk issib xi wieħed, jekk jogħġbok segwi dawn il-linji gwida:

- Ċempel lil BirdLife Malta fuq 2134 7645/6 (ħinijiet tal-uffiċċju)/7925 5697 (filgħaxija u fil-*weekends*) jew lill-pulizija fuq 119 mill-ewwel;
- Ħu nota kemm jista' jkun preċiża tal-post fejn tkun sibt l-għasfur;
- Ersaq viċin l-għasfur minn wara. Iġbru bl-għajnuna ta' ċaruta nadifa jew xugaman, żommlu rasu u ara li l-ġwienaħ ikunu mitnija mal-bqija tal-ġisem;
- Poġġi l-għasfur f'kaxxa tal-kartun li minnha tgħaddi sew l-arja. Żomm il-kaxxa f'post fid-dlam u 'l bogħod mis-sħana;
- Jekk ikun possibbli agħti ilma frisk lill-għasfur f'kontenitur fond. Jekk il-kaxxa tkun wieqfa, ħalli l-kontenitur fejn l-għasfur ħalli jkun jista' jixrob meta jrid. Tippruvax tisforza lill-għasfur jixrob;
- Tippruvax titma' lill-għasfur.

Kull għasfur li jiġi salvat jittieħed għand veterinarju tal-gvern biex jiġi eżaminat u jiddaħħal fi programm ta' riabilitazzjoni. Ladarba jikseb saħħtu kollha lura jinħeles lura fuq il-baħar f'post sikur. Kull sena, bis-saħħa tal-għajnuna tal-pubbliku, qed jinstabu dejjem aktar frieħ tal-Garnija maqbudin fuq l-art. Kull għasfur salvat ikun qed jingħata t-tieni opportunità li jgħix.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.

**Ħoloq utli:**

- Aqra aktar dwar din l-ispeċi u dwar il-proġett fuq is-sit elettroniku tagħna: http://birdlifemalta.org/arcipelagugarnija
- Ara l-*video* uffiċjali tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija: https://youtu.be/R_Z89Hx-Elw

**Nota lill-edituri:**

Kif tidentifika Garnija (*Puffinus yelkouan,* Yelkouan Shearwater)

- Għasfur ta' daqs medju
- Twil madwar 35ċm, b'fetħa tal-ġwienaħ ta' madwar 85ċm
- Munqar irqiq iswed, mgħawweġ fit-tarf
- Sewdieni fil-parti ta' fuq
- Abjad minn taħt

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/xrtugI85nBc**

- Filmat maħruġ mill-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta fi tmiem l-2018 li kienet sena rekord għall-għasafar tal-baħar maqbudin fuq l-art (Filmati ta' Steve Zammit Lupi u BirdLife Malta, muntaġġ ta' Kinga Kupska)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-93zT5MzUIH**

1. Tniġġis mid-dawl f'Buġibba f'lejl ta' qamar sħiħ kif jidher mill-Irdum tal-Madonna (Ritratt ta' James Crymble)
2. Ferħ ta' Garnija li wasal biex itir (Ritratt ta' Benjamin Metzger)
3. Ferħ ta' Garnija fil-bejta (Ritratt ta' Paulo Lago)

The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.